*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,556, 15 ta' Jannar, 2021*
*Taqsima C*

# Nru. 186

15. 1. 2021

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, f'isem il-Prim Ministru, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-11 ta' Jannar 2021.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, Kap. 252.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister within the Office of the Prime Minister, on behalf of the Prime Minister, and read the First time at the Sitting of the 11th January 2021.

**AN ACT to amend the National Holidays and other Public Holidays Act, Cap. 252.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, Kap. 252.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.
Kap. 252.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-paragrafu (b) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, meta festa nazzjonali jew btala pubblika mniżżla fl-Iskeda taħbat fil-ġurnata tas-Sibt jew fil-ġurnata tal-Ħadd, dik il-festa nazzjonali jew btala pubblika għandha titqies bħala btala pubblika għall-iskop illi jingħata jedd lil xi persuna għal jum ta' *leave* għal vaganza b'żieda mad-dritt tal-*leave* għal dik is-sena partikolari kif ikkalkulata fuq id-dritt bażiku pprovdut fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.".

L.S. 452. 87.

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biex jistabbilixxi li meta festa nazzjonali jew btala pubblika taħbat fil-ġurnata tas-Sibt jew fil-ġurnata tal-Ħadd, dik il-festa nazzjonali jew btala pubblika għandha titqies bħala btala pubblika għall-iskop illi jingħata jedd lil xi persuna għal jum ta' *leave* għal vaganza b'żieda mad-dritt tal-*leave* għal dik is-sena partikolari.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the National Holidays and Other Public Holidays Act, Cap. 252.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 252.

**1.** The short title of this Act is the National Holidays and Other Public Holidays (Amendment) Act 2021, and this Act shall be read and construed as one with the National Holidays and Other Public Holidays Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 6 of the principal Act.

**2.** Immediately after paragraph (b) of article 6 of the principal Act there shall be added the following new paragraph:

S.L. 452. 87.

> "(c) with effect from 1st January 2021, when a national holiday or a public holiday listed in the Schedule falls on a Saturday or on a Sunday, it shall be deemed to be a public holiday for the purposes of entitling any person to a day of vacation leave in addition to the leave entitlement for that particular year as calculated on the basic entitlement provided in regulation 8 of the Organisation of Working Time Regulations.".

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to establish that when a national holiday or a public holiday falls on a Saturday or on a Sunday, it shall be deemed to be a public holiday for the purposes of entitling any person to a day of vacation leave in addition to the leave entitlement for that particular year.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**